



European Securities and
Markets Authority

Linji Gwida

Linji Gwida dwar politiki ta' rimunerazzjoni b'saħħithom skont I-AIFMD



1 Kamp ta' applikazzjoni

Min?

Xiex?

1. Dawn il-linji gwida jemendaw il-Linji Gwida dwar politiki ta' rimunerazzjoni b'saħħithom skont l-AIFMD (ESMA/2013/232) ("Linji Gwida dwar ir-Rimunerazzjoni tal-AIFMD) u għandhom l-istess kamp ta' applikazzjoni.

Meta?

2. Dawn il-linji gwida jibdeu japplikaw mill-1 ta' Jannar 2017.

2 Linji gwida għall-AIFMs bħala parti minn grupp

3. Il-paragrafu 33 tal-Linji Gwida dwar ir-Rimunerazzjoni tal-AIFMD huwa emendat biex it-Taqsima VIII ta' dawn il-linji gwida taqra kif ġej:

VIII. Linji gwida għall-AIFMs bħala parti minn grupp

32. Dawn il-linji gwida japplikaw fi kwalunkwe każ għal kwalunkwe AIFM. B'mod partikolari, ma għandu jkun hemm ebda eċċezzjoni għall-applikazzjoni tal-prinċipji tar-rimunerazzjoni speċifiċi għas-setturi stabbiliti fl-AIFMD u fil-linji gwida preżenti għal kwalunkwe AIFM li huwa sussidjarju ta' istituzzjoni ta' kreditu.

33. Jista' jkun il-każ li f'kuntest ta' grupp, ir-regoli prudenzjali settorjali mhux tal-AIFM li japplikaw għal entitajiet tal-grupp, jistgħu jwasslu biex ċertu persunal tal-AIFM li huwa parti minn dak il-grupp ikun "persunal identifikat" għall-iskop ta' dawk ir-regoli dwar ir-rimunerazzjoni settorali.